# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Marzu 2016

Merħba! Il-Papa jistieden lil kulħadd, ikun xi jkun it-twemmin tiegħu, sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu:

**Biex il-familji fil-bżonn jirċievu l-għajnuna meħtieġa u t-tfal jikbru f'ambjent ta' sliem u paċi.**

**Ninġabar:**

Insib post fil-kwiet u għal ftit mumenti nġib quddiem għajnejja l-familja tiegħi, kemm is-sabiħ u kemm l-ikrah. F'dan il-ħin nitlob xi grazzja lill-Mulej għall-familja tiegħi. Niftakar issa fil-ħafna familji fid-dinja li huma għaddejjin minn xi għawġ jew inkwiet kbir...

**Fatt ċkejken:**



Saroo, tifel Indjan, kellu biss ħames snin meta ntilef. Dan ġara meta, darba filgħaxija, segwa lil ħuh li kien jaħdem ta' kennies fuq il-ferroviji, sa wieħed mill-istazzjonijiet. Ħuh kellu jiġbru wara x-xogħol iżda billi ttardja, iċ-ċkejken ħadu n-ngħas u raqad fuq bank. X'ħin stenbaħ kien tard bil-lejl u, billi ħuh ma tfaċċax, infixel u rikeb ferrovija bit-tama li jsibu hemm. U bla ma jaf sab ruħu fi vjaġġ twil, sa Kalkutta – belt iffullata bin-nies.

Wara ftit tal-jiem mitluf, idur 'l hawn u 'l hinn, xi ħadd induna bih u ħadu f'orfanatrofju biex jingħata għall-addozzjoni. Il-familja *Brierley* mit-Tasmanja fl-Awstralja addottatu. Għalkemm ma kien jonqsu xejn f'din il-familja, Saroo baqa' dejjem jhewdhen fuq ommu, ħutu u l-faqar kbir tagħhom.

Għaddew 25 sena u, bil-ftit tifkiriet li kellu, fittex fl-internet fuq sit tal-mapep, il-post ta' fejn seta' kien trabba. Għaraf li r-raħal kien Khandwa u ddeċieda jmur hemm u jara. Il-familja tiegħu sabha – iva – iżda l-ferħ tat-tgħannieqa ma' ommu tħawwad man-niket, meta sar jaf li, dakinhar li ntilef, ħuh ma kienx tfaċċa għax tajritu ferrovija.

**Naħseb ftit:**

X'tgħallimt minn din l-istorja dwar il-komplikazzjonijiet li jiltqgħu magħhom il-familji fil-bżonn?

Meta familja tkun qed tbati, it-tfal jintlaqtu ħażin. Titqanqal qalbek għall-bżonnijiet tat-tfal?

**Nitlob:**

Nitolbuk Mulej tieħu ħsieb tal-familji kollha. Agħmel li l-ulied jikbru f'saħħithom u jgawdu l-paċi. Għinna napprezzaw aktar l-importanza tal-familja fil-bini ta' soċjetà.

**Kliem ta' dawl:**

Ma naf bl-ebda blata li żżomm sod, ma naf bl-ebda istituzzjoni li taħdem tajjeb, daqs il-familja.

Lee Iacocca

**X'nista' nagħmel:**

Aħseb kif tista' tgħin familji fil-bżonn permezz tal-inizjattivi tal-parroċċa jew ċentri oħra favur il-familja u t-tfal.
Fittex u staqsi dwar l-għaqdiet nazzjonali li jaħdmu favur il-familji u t-tfal. Aħseb dwar l-iskop tagħhom. Taqbel mal-idejat tagħhom?